# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 25 ta' Frar, 2021.**

**Numru 8**

**Rikors numru 17/2018/2 AGV**

**Ivan Glynn**

**v.**

**Rosette Glynn**

**Il-Qorti:**

1. Rat l-appell tal-konvenuta Rosette Glynn mis-sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tat-28 ta' Jannar 2020.

2. Rat l-atti tal-kawża minn liema *inter alia* jirriżulta:

2.1. Permezz ta' rikors maħluf ippreżentat fid-19 ta' Jannar 2018, l-attur ippremetta u talab is-segwenti:

*"1. Illi l-kontendenti zzewwgu fis-16 ta' Mejju 1997, kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg Dok. A;*

*"2. Illi l-hajja konjugali giet reza impossibbli minhabba sevizzi, ingurji gravi, theddid, vjolenza morali, adulterji u annadun kommessi da parti tal-konvenuta u kif ukoll minhabba inkompatibilita' ta' karattru.*

*"3. Illi minn daz-zwieg huma kellhom zewgt itfal u ċioé Dinahlee li twieldet nhar it- 28 ta' Lulju 1997 u li hija ghalhekk maggorenni u Nadiuska li twieldet nhar tat- 30 ta' April 2002, u dan kif jirrizulta mil-anness certifikat tat-twelid , Dok B u Dok C;*

*"4. Illi l-kontendenti gew awtorizzati jipprocedu ghal seperazzjoni personali permezz ta' digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja), kopja ta' liema qed tigi annessa mmarkata Dok. D u dan wara zewg tentattiv ta' medjazzjoni li sfaxxaw minhabba l-attegjament tal-intimata. Jinghad sahanistra ukoll li kien tlesta abbozz izda l-intimata kienet zammet obbligazzjonijiet materjali mistura.*

*"5. Illi r-rikorrent jaf b' dal-fatti personalment.*

*"Ghaldaqstant, l-esponent jitlob umilment li dina l-Onorabbli Qorti joghgboha:-*

*"1. Tippronunzja is-seperazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenuta kif hawn fuq premess.*

*"2. Tafda lill-attur bil-kura u kustodja tat-tifla minuri Nadiuska.*

*"3. Tapplika kontra l-konvenuta s-sanzjonijiet kontemplati fil-kodici Civili fosthom dawk kontemplati fl-aritkolu 48 tal-Kodici Civili.*

*"4. Ixxolji l-komunjoni tal-akkwsiti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess f' zewg porzjonijiet li jigu assenjati wahda lil kull wiehed mill-partijiet, bl-applikazzjoni tas-sanzjonijiet mensjonati fit-tielet talba, okkorendo billi tinnomina periti nominandi.*

*"5. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att opportun tal-qasma u assenzjoni u Kuratur sabiex jirraprezentaw l-kontumacja tal-konvenut f'kaz ta' bzonn.*

*"6. Tordna illi fid-dar matrimonjali ghandu jghix esklussivament l-attur flimkien mat-tifla u dan bl-applikazzjoni tal-artikolu 55 A tal-Kap. 16 tal-Ligjiet ta' Malta.*

*"7. Tikkundanna lill-konvenuta tirrestriwixxi lil-attur il-propjeta' kollha tieghu parafernali jew il-valur taghha.*

*"Bl-ispejjez kontra l-konvenuta ngunta in subizzjoni."*

2.2. Illi l-konvenuta ppreżentat tweġiba:[1]

*"1. Illi anka l-esponenti tixtieq li ssehh separazzjoni personali bejn il-kontendenti. Mandkollu, kuntrarjament ghal dak li jallega l-attur, iz-zwieg tkisser unikament minhabba htijiet imputabbli lilu, hekk kif ser jigi muri waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

*"2. Illi l-kura u kustodja tal-minuri Nadiuska, ghandha tigi fdada f' idejn l-esponenti li kienet minn dejjem il-care giver principali taghha. Tenut kont li l-minuri Nadiuska, llum ghanda kwazi 16-il sena jaghmel ukoll sens li l-Qorti tkun taf x' inhuma x-xewqat taghha f' dar-rigward. It-talba talattur f' dak is-sens tikkonsistwixxi prova ohra tal-mohqrija u l-abbuzi tal-attur fil-konfront tal-esponenti.*

*"3. Illi ma hemm ebda lok li jigu applkati is-sanzjonijiet kontemplati fil-Kodici Civili kontra l-esponenti kif rikjest mil-attur. Semmai dawn ghandhom jigu applikati fir-rigward tal-attur zewgha.*

*"4. Illi l-esponenti wkoll trid li ssehh d-divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti.*

*"5. Illi l-esponenti ma ghandha ebda gid parafernali tal-attur fil-pusess taghha.*

*"6. Illi l-esponent ma tixtieqx li tigi mcahhda mid-drittijiet li ghandha fuq id-dar matrimonjali u ma jezisti ebda ragunijiet validi fil-Ligi sabiex dan isehh."*

2.3. Mat-tweġiba l-konvenuta ppreżentat ukoll is-segwenti kontro-talba:[2]

*"L-intimata qed tipprevalixxi ruhha minn dak li jipprovdi l-artkolu 396 et seq u ghalhekk qed tavvanza is-segwenti talbiet rikonvenzjonali fir-rigward tal-attur Ivan Glynn.*

*"a. Illi l-kontendenti izzewwgu fis- 6 ta' Mejju 1997, hekk kif jirrizulta mill-att taz-zwieg li gie pprezentat minn Glynn Ivan mar-rikors guramentat tieghu.*

[1] Fol. 16 – 17.
[2] Fol. 18 – 19.

*"b. Illi min daz-zwieg twieldu zewgt itfal Dinahlee, li hija maggorenni u Nadiuska li twieldet nhar it- 30 ta' April 2002.*

*"c. Illi l-hajja konjugali ta' bejn l-kontendenti ma ghandhix izjed possibbli minhabba kompatibilita' ta' karattru kif ukoll minhabba sevizz gravi, ingurji u mohqrija da parti ta' Ivan Glynn lejn l-esponenti Rosette Glynn.*

*"d. Illi l-esponenti ghalhekk tixtieq li tissepara ad mensa et thoro minn ma' Ivan Glynn u konsegwentament isehh ukoll ix-xoljiment u id-divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti bejniethom.*

*"e. Illi l-esponenti tixtieq li l-kura u kustodja tat-tifla Nadiuska, tigi fdata f' idejn l-esponenti.*

*"f. Illi l-esponenti tixtieq li Ivan Glynn jigi ordnat ihallas manteniment retta alimentarja adegwata ghal-htigjiet tal-minuri Nadiuska, u li jinghataw dawk id-direzzjonijiet mehtiega tal-manteniment ta' Nadiuska wara li ssir maggorenni.*

*"g. Illi l-esponenti tixtieq li jigi dikjarat li bhala konsegewenza tas-surriferit zewgha Ivan Glynn, ddekada minn jeddjiet konjugali kollha previsti mil-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligjiet ta' Malta).*

*"h. Illi l-esponeti tixtieq li tigi awtorizzata li tibqa' tabita fid-dar matrimonjali, flimkien mal-minuri Nadiuska, possibilment minghajr f' mod esklussiva u minghajr mal-attur Ivan Glynn jabita fl-istess fond.*

*"Jghid ghalhekk Ivan Glynn in vista tal-premess ghaliex ma ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:*

*"a) tippronunzja is-seperazzjoni personali bejn il-partijiet, u dana minhabba inkomplatibilta' ta' karattru, kif ukoll minhabba sevizzi, ingurji gravi u mohqrija da parti ta' Ivan Glynn fir-rigward tal-esponenti;*

*"b) tiddikjara illi Ivan Glynn iddekada mid-drittijiet konjugali tieghu ai termini tal-artkolu 48 u disposizzjonjiet rilevanti ohra tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*"c) tiddikjara li l-komunjoni tal-akkwisti ezisenti bejn il-kontendenti tigi xolta u ghalhekk tghaddi sabiex tillikwida u tiddividi l-istess komunjoni tal-akkwisti u dana mhux necessarjament fi kwoti ugwali bejn il-partijiet;*

*"d) tordna kura u kustodja tal-minuri Nadiuska tigi fdata f' idejn l-esponenti;*

*"e) tordna lil Ivan Glynn ihallas lil esponenti retta alimentarja adegwata ghall-htigijiet tal-minuri Nadiuska, u taghti ukoll dawk d-direzzjonijiet mehtiega fir-rigward tal-manteniment ta' Nadiuska, wara li ssir maggorenni;*

*"Bl-ispejjez kontra Ivan Glynn li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.'*

2.4. Illi l-attur ma weġibx għar-rikonvenzjoni tal-konvenuta;

2.5. Il-konvenuta ma ressqitx provi;

2.6. B'sentenza tat-28 ta' Jannar 2020 il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ddeċidiet hekk:

*"• Tilqa' l-ewwel talba, u tippronunzja is-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenuta kif hawn fuq premess.*
*"• Tichad it-tieni talba, u ghalhekk thalli l-kura u kustodja tat-tifla minuri Nadiuska bhala wahda kongunta.*
*"• Tilqa' t-tielet talba, u ghalhekk tapplika kontra l-konvenuta s-sanzjonijiet kontemplati fl-aritkolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*
*"• Tilqa' r-raba' talba u tordna x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwsiti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess skond kif imfisser hawn fuq li jigu assenjati lil kull wiehed mill-partijiet.*
*"• Tinnomina lin-Nutar Pubbliku Dr Clinton Bellizzi sabiex jircievi l-att opportun tal-qasma u assenjazzjoni, u lill-Kuraturi Deputati tat-turn sabiex jirraprezentaw l-kontumacja tal-konvenuta f' kaz ta' bzonn.*
*"• Tilqa' s-sitt talba u tordna illi fid-dar matrimonjali ghandu jghix esklussivament l-attur flimkien mat-tfal, jekk it-tnejn jew wahda minnhom hekk iridu, u dan bl-applikazzjoni tal-artikolu 55 A tal-Kap. 16 tal-Ligjiet ta' Malta.*
*"• Tilqa' s-seba' talba u tikkundanna lill-konvenuta tirrestriwixxi lil-attur il-propjeta' kollha tieghu parafernali jew il-valur taghha.*

*"Kwantu ghat-talbiet tal-konvenuta elenkati fil-kontro talba taghha:*
*"• Tichad l-ewwel u t-tieni kontro-talba.*
*"• Tilqa' t-tielet kontro-talba kif hawn fuq imfisser.*
*"• Tichad ir-raba' u l-hames kontro-talba.*

*"L-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta."*

3. Il-konvenuta appellat mis-sentenza:

3.1. hija ma kinitx intebħet li l-provi kienu ġew magħluqa mill-Qorti u li l-kawża tħalliet għas-sentenza;

3.2. l-Qorti naqset milli tafda l-kura u kustodja tal-minuri Nadiuska lilha minkejja talba speċifika f'dak is-sens;

3.3. mingħajr motivazzjoni, il-Qorti naqset milli takkorda manteniment għall-bżonnijiet tal-minuri Nadiuska;

3.4. mill-mod kif l-ewwel Qorti llikwidat il-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti.

4. Abbażi ta' dawn l-aggravji, l-appellanti talbet lil din il-Qorti sabiex:

*"tvarja s-sentenza appellata billi:*

"*<u>FIR-RIGWARD DIKA L-PARTI TAS-SENTENZA FEJN L-EWWEL QORTI DDISPONIET MIT-TALBIET TAL-ATTUR IVAN GLYNN:</u>*

*(i) tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn iddikjarat is-separazzjoni personali tal-kontendenti;*

*(ii) tirrevoka u tħassar dika l-parti tas-sentenza fejn ħalliet il-kura l-kustodja tal-minuri Mariuska bħala waħda konġunta, u minflok tiddijara u tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri għandha tkun fdata esklussivament f' idejn l-esponenti, b' dan illi, jekk dina l-QOrti ma jidhriliex li dan huwa opportun, tordna u tiddikjara li r-residenza abitwali tal-minuri Mariuska hija mal-esponenti;*

*(iii) tirrevoka u tħassar dika l-parti tas-sentenza fejn applikat fil-konfront tal-esponenti s-sanzjonijiet kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, b' dan illi, f' każ li dina l-Qorti jidrilha li xorta għandha tapplika tali sanzjonijiet, dawn għandhom jgħoddu biss minn meta tiġi ffissata datat determinata a bażi tal-provi kumpilati, u dana strettament fil-parametri stretti li jipprovdi l-istess artikolu;*

*(iv) tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn ordnat ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti b' dana illi għandha tvarjaha fis-sens illi l-ġid komunitarju kollu għandu jinqasam f' mod ugwali bejn il-kontendenti kif fuq indikat;*

*(v) tikkonferma dika l-parti fejn ordnat li Ivan Glynn ikollu d-dritt esklussiv li jabita fid-dar matrimonjali;*

*(vi) tirrevoka dika l-parti fejn ikkundannat lill-esponenti tirrestitwixxi lill-attur il-proprjetà parafernali tiegħu jew il-valur tagħha stante li ma inġabet l-ebda prova f' dak is-sens.*

*"FIR-RIGWARD TAT-TALBIET RIKONVENZJONALI TAL-ESPONENTI (SAFEJN DAWN MA HUMIEX L-ISTESS BHAL DAWK FUQ IMSEMMIJA LI AVVANZA IVAN GLYNN):*

*"(i) tħassar u tirrevoka dika l-parti tas-sentenza li permezz tagħha ġiet miċħuda t-talba tal-esponenti sabiex Ivan Glynn jiġi ordnat iħallas manteniment għall-minuri Nadiuska, u minflok tordna u tikkundanna lill-Ivan Glynn iħallas lill-esponenti manteniment ta' €250 kull erba' ġimgħat għall-bżonnijiet tal-minuri Nadiuska, u dan b' effett minn meta ġiet preżentata l-kontrotalba tal-esponenti.*

*"Bl-ispejjeż kontra Ivan Glynn"*

5. L-attur appellat wieġeb illi s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma.

6. Wara digriet mogħti minn din il-Qorti, permezz ta' nota preżentata fis-7 ta' Diċembru 2020 il-konvenuta spjegat li in vista tal-ewwel aggravju, qiegħda titlob li titħassar is-sentenza tal-Qorti tal-ewwel grad, u fl-eventwalita` li l-Qorti tiċħad l-ewwel aggravju, tvarja s-sentenza appellata għar-raġunijiet li jissemmew fl-aggravji l-oħra.

<u>Konsiderazzjoni.</u>

*L-Ewwel Aggravju.*

7. Illi permezz tal-ewwel aggravju l-appellanti tilmenta illi hija ma kinitx intebħet li l-provi kienu ġew magħluqa u li l-kawża tħalliet għas-sentenza. Tgħid li hija ġiet ingannata peress li kienet qiegħda tistenna biex tiffirma kuntratt ta' separazzjoni u fil-fatt kien hemm skambju ta' korrispondenza elettronika bejn l-avukati tal-partijiet fl-4 ta' Diċembru 2019 ('Dok A' anness mar-rikors tal-appell). Minkejja dan, fl-udjenza tal-10 ta' Diċembru 2019 l-appellant deher quddiem il-Qorti u nsista li l-kawża titħalla għas-sentenza. Tgħid li element ieħor li nganna l-avukat difensur tagħha kien li, skont id-difensur tagħha, l-assistent ġudizzjarju kienet iffissat seduta għall-20 ta' Jannar 2020 u għalhekk wara li l-kawża kienet tħalliet, mingħajr ma kienet taf, għas-sentenza.

8. Min-naħa tiegħu l-appellat wieġeb li l-proċeduri kienu karatterizzati minn nuqqas ta' interess lampanti min-naħa tal-konvenuta u għalhekk ma tistax issa tilmenta li ma ngħatatx opportunita` tressaq il-provi tagħha. Dwar il-korrispondenza skambjata fl-4 ta' Diċembru 2019 igħid li ma kienx intlaħaq ftehim u b'dan informa lill-assistenta ġudizzjarja u kkopja lill-avukat tal-konvenuta (korrispondenza elettronika eżebita bħala 'Dok DC' mar-risposta tal-appell tal-attur).

9. Mill-atti jirriżulta illi:

9.1. Il-kawża ġiet appuntata għas-smigħ fl-20 ta' Marzu 2018 u l-attur ippreżenta l-affidavit tiegħu ftit ġranet wara, fil-5 ta' April 2018:

9.2. F'seduta li saret fil-11 ta' Mejju 2018 quddiem assistent ġudizzjarju, xehdu diversi rappreżentanti ta' banek lokali prodotti mill-attur;

9.3. Fl-udjenza li saret quddiem il-Qorti fl-14 ta' Ġunju 2018 dehret l-avukat tal-konvenuta li nfurmat lill-Qorti li '*għaddej skambju bejn il-partijiet bl-iskop ta' separazzjoni bonarja'* u b'hekk il-kawża ġiet differita għall-1 ta' Novembru 2018;

9.4. Fil-frattemp kompla l-ġbir tal-provi quddiem l-assistent ġudizzjarja billi: fit-3 ta' Lulju 2018 xehdu Joseph Saliba in rappreżentanza tal-Jobs Plus, Stephen Baldacchino in rappreżentanza tal-BNF Bank u Alison Mifsud Brimmer in rappreżentanza tal-HSBC Bank, prodotti mill-attur; u fil-11 ta' Settembru 2018 xehdu Joseph Saliba in rappreżentanza tal-Jobs Plus, Courtney Grima in rappreżentanza tal-HSBC Life Assurance (Malta) u l-attur innifsu li ddikjara li salv riżerva biex jitlob n-nomina ta' perit arkitett biex jistma' l-garaxx li huwa assi tal-komunjoni tal-akkwisti, iddikjara li m'għandux provi iżjed;

9.5. Għas-seduta tal-1 ta' Novembru 2018 deher biss l-avukat tal-konvenuta u l-kawża ġiet differita għat-23 ta' Jannar 2019;

9.6. Komplew is-seduti quddiem l-assistent ġudizzjarja. Fis-seduta tat-2 ta' Novembru 2018 ma tressqux provi. Fis-seduta sussegwenti tal-15 ta' Jannar 2019, li għaliha kienu preżenti l-partijiet debitament assistiti, l-avukat tal-attur għal kull *buon fini* ddikjara l-provi

tiegħu magħluqa u b'hekk ġie vverbalizzat li l-konvenuta ser tressaq il-provi fis-seduta li jmiss tas-6 ta' Marzu 2019;

9.7. Fl-udjenza quddiem il-Qorti tat-23 ta' Jannar 2019 ma deher ħadd. Konsegwentement il-Qorti ħalliet il-kawża għall-aħħar darba għas-27 ta' Frar 2019 sabiex il-partijiet jinfurmaw lill-Qorti f'liema stadju ta' ġbir ta' provi waslu. B'dan saret komunika lill-avukati tal-partijiet;

9.8. B'nota ppreżentata fit-28 ta' Jannar 2019, l-attur informa l-Qorti li huwa għalaq il-provi tiegħu u hemm seduta ffissata għas-6 ta' Marzu 2019 għall-provi tal-konvenuta;

9.9. Fl-udjenza quddiem il-Qorti tas-27 ta' Frar 2019 deher l-avukat tal-konvenuta li nforma lill-Qorti li s-seduti quddiem l-assistent ġudizzjarju mexjin regolarment. Il-kawża kienet differita għat-8 ta' Mejju 2019 għall-provi tal-konvenuta;

9.10. Quddiem l-assistent ġudizzjarja l-avukat tal-konvenuta talab li s-seduta tas-6 ta' Marzu 2019 tiġi differita. Fis-seduta sussegwenti tat-3 ta' Mejju 2019 deher biss l-attur assistit;

9.11. Fl-udjenza quddiem il-Qorti tat-8 ta' Mejju 2019 deher l-avukat tal-attur '*li nforma l-Qorti li għalkemm ġew iffissati seduti għall-provi konvenut, dawn għadhom ma bdewx.'* Il-Qorti ordnat għalhekk lill-assistent ġudizzjarja tiffissa tliet seduti għall-egħluq tal-provi tal-konvenuta u ddikjarat li '*fin-nuqqas li l-konvenuta tressaq il-provi tagħha f'dawk is-seduti, il-Qorti tordna l-egħluq tal-provi tal-konvenuta u tħalli l-kawża għas-sentenza fuq il-provi hekk miġbura.'*

9.12. Għalkemm l-assistent ġudizzjarja iffissat tliet seduti għall-egħluq tal-provi tal-konvenuta, ma jirriżultax li saru.

9.13. Fl-udjenza quddiem il-Qorti tat-13 ta' Ġunju 2019, reġgħet ordnat li jiġu ffissati tliet seduti quddiem l-assistent ġudizzjarju għall-għeluq tal-provi tal-konvenuta u fin-nuqqas kienet sejra tgħaddi biex tiddikjara l-provi magħluqa u tħalli l-kawża għas-sentenza. Saret komunika tal-verbal lill-avukat tal-konvenuta;

9.14. Quddiem l-assistent ġudizzjarja: saret seduta fis-26 ta' Ġunju 2019 iżda ma deher ħadd; seduta oħra fit-30 ta' Settembru 2019 u kienu preżenti l-partijiet u d-difensuri tagħhom li ddikjaraw illi '*stante possibilita` serja ta' transazzjoni t-tliet seduti diġa` ffissati qed jiġu kkanċellati u f'dan l-istadju m'hemmx bżonn ta' aktar seduti pero` qed jirriżerva li f' każ ta' nuqqas ta' qbil jerġgħu jitolbu lil din il-Qorti sabiex jiġu perstinati s-seduti'*; għalhekk ġiet ikkanċellata s-seduta tat-8 ta' Ottubru 2019 u ma ġewx iffissati seduti oħra;

9.15. Fis-seduta quddiem il-Qorti tad-9 ta' Ottubru 2019 ma deher ħadd u ġie vverbalizzat illi '*il-Qorti qiegħda tħalli l-kawża għall-aħħar darba għall-egħluq tal-provi tal-konvenuta jew għaċ-ċessjoni u għaldaqstant tordna li jidhru l-partijiet debitament assistiti u jinformaw lill-Qorti dwar x' jonqos li jiġi prodott fil-kawża biex din tiġi terminata fl-iqsar żmien.'* B'dan saret komunika lid-difensuri tal-partijiet li t-tnejn taw il-*visto* tagħhom;

9.16. Madankollu għas-seduta tat-13 ta' Novembru 2019 ma deher ħadd u l-kawża ġiet posposta. Wara li baqa' ma deher ħadd, il-kawża ġiet kanċellata;

9.17. Permezz ta' rikors preżentat fit-13 ta' Novembru 2019, l-attur talab ir-riappuntament tal-kawża.[3]

9.18. Permezz ta' digriet mogħti fis-27 ta' Novembru 2019,[4] il-Qorti laqgħet it-talba u appuntat il-kawża għall-11 ta' Diċembru 2019. Ma jirriżultax li dan id-digriet ġie notifikat lill-konvenuta jew lill-avukat tagħha;

9.19. Fl-udjenza tal-11 ta' Diċembru 2019 deher biss l-attur. Il-konvenuta msejħa diversi drabi baqgħet ma deheritx. Il-Qorti ddikjarat il-provi magħluqa u ħalliet il-kawża għat-28 ta' Jannar 2020 għas-sentenza;[5]

9.20. Jidher li fis-seduta ffissata quddiem l-assistent ġudizzjarja tal-20 ta' Jannar 2020 reġa' ma deher ħadd u minħabba l-verbal tas-smigħ tal-11 ta' Diċembru 2019 ma ġewx iffissati aktar seduti;

9.21. Fl-udjenza tat-28 ta' Jannar 2020 deher l-attur u ngħatat is-sentenza appellata.

10. Huwa d-dmir tal-partijiet li jsegwu dak li jkun qed iseħħ fil-kawża li fiha jkunu parti. Dan billi jattendu għas-seduti, jipproduċu l-provi tagħhom meta jkun jispetta lilhom jagħmlu dan, u jiksbu kopja tal-verbal tas-seduta

---

[3] Fol. 531.
[4] Fol. 532.
[5] Fol. 533.

biex ikunu ċerti dwar l-għan u d-data tal-udjenza sussegwenti. Jekk il-partijiet jonqsu f'dan is-sens, ma jistgħux jilmentaw mill-konsegwenzi tal-aġir tagħhom stess. F'dan il-każ hu evidenti t-traskuraġni tal-konvenuta li ssegwi l-kawża iktar u iktar meta kien l-istadju tal-provi tagħha u d-diversi twissijiet li tat il-Qorti sabiex jitressqu l-provi.

11. Madankollu l-kawża kienet ġiet kanċellata fit-13 ta' Novembru 2019 u ġiet riappuntata permezz ta' digriet mogħti fis-27 ta' Novembru 2019 wara li saret talba għal dak il-għan mill-attur permezz ta' rikors ippreżentat fit-13 ta' Novembru 2019. Ovvjament meta l-Qorti laqgħet it-talba ta' dak ir-rikors u r-riappuntat il-kawża għas-seduta tal-11 ta' Diċembru 2019 fid-9.00 ta' filgħodu, il-konvenuta kellha tiġi notifikata mill-ġdid b'avviż ta' riappuntament. Ħaġa li ma saritx. Ifisser li meta ngħatat is-sentenza fit-28 ta' Jannar 2020 il-konvenuta kienet għadha m'hijiex notifikata b'avviż ta' rijappuntament.

12. Anness mal-qoxra ta' wara tal-ewwel volum tal-proċess hemm mehmuża tliet kopji tal-avviż ta' riappuntament tal-kawża għas-seduta tal-11 ta' Novembru 2019. Pero` fl-atti m'hemmx prova li l-attur ħallas għan-notifiki u wisq anqas m'hemm riferta pożittiva ta' notifika lill-konvenuta.

13. Mill-mod kif sar l-ilment fl-aggravju din il-Qorti għandha d-dubji kemm l-appellanti ntebħet li l-kawża kienet ikkanċellata fis-seduta tat-13

ta' Novembru 2019. Fil-fatt wara li l-kawża ġiet riappuntata, il-konvenuta jew difensur tagħha ma dehru fl-ebda seduta quddiem il-Qorti. Dan apparti li d-dikjarazzjoni tal-għeluq tal-provi saret fis-seduta tal-11 ta' Diċembru 2019, ċioe` wara li l-kawża ġiet riappuntata, u meta l-konvenuta ma kinitx notifikata bl-avviż ta' smigħ.

14. In-nuqqas ta' notifika lill-appellanti tad-data ta' riappuntament hu nuqqas proċedurali li jippreġudika d-dritt għal smigħ xieraq tagħha. Għalkemm l-indikazzjoni hi li l-konvenuta ma ntebħitx li l-kawża kienet ġiet kanċellata, jibqa' il-fatt li kellha tiġi notifikata bl-avviż tas-smigħ għas-seduta tal-11 ta' Diċembru, 2019.

15. Din il-Qorti hija konsegwentement tal-fehma li l-ewwel qorti ma kellha qatt tgħaddi għas-sentenza qabel tiżgura li l-konvenuta tkun notifikata bl-avviż ta' riappuntament.

16. Verament li f'email ippreżentata flimkien mar-risposta tal-appell tal-attur (Dok DC) datata 4 ta' Diċembru 2019 indirizzata lill-assistent ġudizzjarja u b'kopja mibgħuta lill-avukat tal-konvenuta, id-difensur tal-attur kiteb, '*We have as yet reached no agreement. Next Wednesday we have a sitting before the Judge.*[6] *In order to avoid giving him the impression of lack of interest can you kindly fix sittings?'.* Evidentement

[6] Enfażi tal-Qorti.

id-difensur tal-attur kien jaf bid-digriet li tat il-Qorti fis-27 ta' Novembru 2019 u li bih il-Qorti appuntat il-kawża għas-seduta tal-11 ta' Diċembru 2019.

17. Madankollu:

(i) l-*email* ma tistax tagħmel tajjeb għan-nuqqas ta' notifika lill-konvenuta bir-riappuntament tal-kawża. Avviż ta' smigħ ta' kawża għandu jiġi notifikat lill-parti bil-mod kontemplat mil-liġi, sakemm l-avukat ma jidhirx fis-seduta u jiddikjara li qiegħed jilqa' in-notifika għan-nom tal-klijent/i. Għas-seduta tal-11 ta' Diċembru 2019 quddiem il-Qorti, il-konvenuta u d-difensur tagħha ma dehrux;

(ii) fl-udjenza quddiem l-assistent ġudizzjarju tal-20 ta' Jannar 2020 ma deher ħadd. Għalkemm mir-rikors tal-appell din il-qorti fehmet li d-difensur tal-konvenuta kien infurmat b'dik is-seduta u b'danakollu l-konvenuta u d-difensur tagħha ma dehrux, jibqa' il-fatt li m'hemmx prova li l-konvenuta kienet notifikata bl-avviż ta' riappuntament tal-kawża quddiem il-Qorti.

18. Fiċ-ċirkostanzi din il-Qorti ma għandha l-ebda alternattiva għajr li tħassar is-sentenza appellata u tirrinvja l-atti lill-ewwel Qorti għall-prosegwiment tal-kawża.

19. Ovvjament m'hemmx ħtieġa li l-Qorti tikkunsidra t-tieni u tielet aggravji.

Għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija tħassar is-sentenza tal-ewwel Qorti tat-28 ta' Jannar 2020 u tibgħat l-atti lura quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) sabiex tissokta bis-smigħ tal-kawża wara li terġa' tappunta l-kawża għas-smigħ u tiżgura li qabel l-attur ikun ħallas l-ispejjeż li jissemmew fl-Art. 199(3) tal-Kap. 12.

Kull parti għandha tagħmel tajjeb għall-ispejjeż tagħha relatati mas-sentenza tal-ewwel Qorti u tal-appell stante li n-nuqqasijiet ta' kull waħda minnhom tul is-smigħ tal-kawża wassal għal dan l-inċident bla bżonn.

Giannino Caruana Demajo
President

Tonio Mallia
Imħallef

Anthony Ellul
Imħallef

Deputat Reġistratur
gr